# Dun Lawrenz Degabriele

*Pawlu Żammit*

Dun Lawrenz Degabriele twieled nhar il-25 ta' Diċembru tal-1852 minn Salvu Deguara li kien sajjied u Maria Anna imwielda Farrugia. Id-dar tal-famija kienet fi triq Luqa Briffa li dak iż-żmien kien jisimha strada Giardino Botaniko. Meta ħass is-sejħa tas-saċerdozju li kienet diffiċli ħafna minħabba l-piż finanzjarju li kienet titlob, fil-persuna ta' Dun Ġwann Tabone magħruf "tal-għaġin", saċerdot magħruf għall-qdusija tiegħu, kien benefattur għal-istudji tiegħu. Ommu kienet tiġborlu għaż-żejt biex fil-għaxija ikun jista jistudja. Hu ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju tal-1877 mill- Arċisqof Carmelo Scicluna fl-eta ta' 24. Fost l-ewwel impenji tiegħu bħala saċerdot kienet dik ta' prokuratur tal-kappella ta' San Pawl fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Fost ix-xogħol li wettaq kien l-artal tal-irħam bl-għajnuna tal-benefattriċi Angela Zammit b' tifkira ta' żewgħha Luigi fl-1879, kif inhu mfakkar fl-irħama li nsibu maġenb l-artal. Fl-1880, sar prokuratur tal-knisja parrokkjali. Bejn l-1882-1883, hu ħa ħsieb ir-restawr tal-vara titulari li kien fdat f' idejn Ġużeppi Bartoli u x-xogħol ta' skultura kien fdat f' idejn l-iskultur u disinjatur Żejtuni Guiseppe Baldacchino. Bejn l-1886-1888 serva bħala viċi fil-parroċċa taż-Żejtun fi żmien il-kappillan Dun Anton Psaila. Fost il-mumenti l-iktar ta' prova affaċat biha il-kleru u l-poplu taż-Żejtun; meta fl-1887 faqqgħet fiż-Żejtun il-marda qerrieda tal-Kolera li attakka bl-aħrax fiż-Żejtun. Spalla kbira għall-Kappillan Psaila kien il-Viċi Dun Lawrenz Degabriele. Wara din il-paġna kerha fl-istorja tal-parroċċa taż-Żejtun, il-Papa Ljun XII irrikonoxxa il-qlubija u d-dedikazzjoni tal-kleru Żejtuni u għolla il-parroċċa taż-Żejtun għad-dinjita' ta' Arċipretali. Nhar is-17 ta' Ġunju tal-1888, Dun Lawrenz ġie maħtur bħala kappillan ta' Ħal Safi.

**Kappillan ta' Ħal Safi - 1888-1897**

Il-Parrokat ta' Dun Lawrenz Degabriele żgur għadu immarkat sal-lum bl-għaqal kbir li mexxa din l-parroċċa. Dan f' kuntest meta f' pajjiżna il-parrokkjaliżmu kien fl-aqwa tiegħu u il-festi titulari u sekondarji kienu fl-aqwa tagħhom. Dan kien wassal għal ħafna inkwiet bla bżonn fil-parroċċi Maltin. Għal dan il-fatt, nhar l-20 ta' Jannar tal-1889 sar ftehim biex l-istatwa titulari ta San Pawl xogħol artistiku tal-artist u skultur Żejtuni Xandru Farrugia, tintrefa' mill-fratelli tal-fratellanza tas-Ssmu.Sagrament u tar-Rużarju u dan il-patt kellhu jiġi onorat sakemm issir statwa proċessjonali tal-Madonna tar-Rużarju. Dan sar fl-isfond tal-festi u l-piki u sal-lum is-safin għadhom jiċċelebraw festa waħda: il-festi titulari. Għall-festa titulari Dun Lawrenz ħadem ħafna. Għamel tlettax il-gandlier tal-injam ndurati bil-fidda, indura l-Evangelisti kollha għall-artal maġġur. L-ostensorju tal-fidda għar-relikwa ta' San Pawl. Ħadem ukoll diversi settijiet ta' gandlieri u fjuretti għall-artali kif ukoll il-lampier tal-fidda għall- artal maġġur u għall-kor. Għall- vara ta San Pawl ħadem il-pedestall ġdid, il-lifgħa u is-sejf tal-fidda u ġiet indurata l-imsemmija vara. Fil-5 ta' lulju tal-1897 ġie maħtur Arċipriet tal-Parroċċa ta' belt twelidu iż-Żejtun.

**Arċipriet taż-Żejtun, 1897-1932**

Nhar is- 6 ta' Lulju tal-1897 ħa il-pussess tal-parroċċa taż-Żejtun. Bi tmiem tal-predeċessur tiegħu li ġie maħtur Mons.Anton Psaila, Marsaxlokk sar parroċċa għalih u Dun Lawrenz sar arċipriet tal-parroċċa Żejtun, li t-territorju tagħha kien kważi għal kif nafuh illum. Tul il-parrokat tiegħu sab l-għajnuna ta' diversi viċijiet u prokuarturi bħal Dun Spiridione Grixti 1877-1937, Dun Ġlormu Seychel (1877-1943), Dun Feliċ Micallef Grimaud 1870-1906, Dun Carmelo Vella 1855- 1910, Mons Emmanuel Micallef 1893-1958, Kan Giovanni Vella 1892 1984. Ir-residenza privata tiegħu kienet fi Triq Santa Katarina fejn illum insibu il-Qasam tal-Mużew tal-Bniet. Iż-Żejtun ta' dak iż-żmien kien raħal fejn kien jirrenja l-faqar. Ħafna Żwieten kienu jaħdmu fix-xogħol tal-faħam fit-tarzna, bdiewa, bennejja u sajjieda. L-Arċipriet mexxa b' karattru sod, ta' ragħaj u ta' missier spiritwali tal-komunita Żejtunija. Kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-parroċċa b' għaqal kbir. Wieħed jista jara dan fil-manuskritti miżmuma fl-arkivju parrokkjali miktuba b' forma pulita immens. Fl-1908, waslu fiż-Żejtun l-ewwel reliġjużi nisa fil-parroċċa immexxija mis-serva ta' Alla Madre Theresa Nuzzo. Huwa tagħhom

***ikompli....***



*IN MEMORIAM*

O gighaura ta klubna
**Arcipriet Dun LAURENZ DEGABRIELE**
Li ghal 34 sena shah sa meutec,
Bla ebda mistrieh
Hdimt, gharakt, bateit
Ghal gid ta l'eruieh;
Li hleit gidec collhu
Bi-x tghein lil fokra;
U li ghaxxaktna dejjem
Bil fuieha tal cbar virtujet tighec,
Illum 17 ta Frar 1932.
It 30 jum min ta meutec,
Lil hanin Alla
Ahna uliedec iz Zuieten
Nitolbu bl'acbar hegga:
Lil uisk u uisk mahbub raghaj taghna
Ati o Sinjur,
Il mistrieh, il paci, l'hena ta dejjem.

Gesu! Maria!
[300 jum Indul.]

ir-residenza u l-knisja tal-Ispirtu s-Santu għall-qadi spiritwali u xogħol pastorali l-aktar ma' tfal iltiema żwieten. F' Dun Lawrenz sabu missier li offrilhom kull għajnuna meħtiega għall-ħajja li kienu jgħixu fiż-Żejtun. Fl-1913 twaqqfet ukoll il-kongregazzjoni ta Ġesu Nażżarenu minn Ġuzeppina Curmi. L-istess tah l-għajnuna tiegħu fil-bidu tal-ħajja ta' din il-kongregazzjoni. Fl-1912, twaqqaf il-Juventutis Domus Sagra Famiglia, ċentru għaż-żgħażagh u għall-familja kollha, li darba kien ukoll il-palazz tal-Isqof Mons. Ferdinando Mattei u it-twaqqif tal-qasam tal-mużew tal-bniet. Għall-knisja parrokkjali, Dun Lawrenz stinka mal-kleru Żejtuni biex saru opri mill-isbaħ li għadna ngawdu sal-lum. Fl-1906, fiż-Żejtun waslet il-vara artistika ta' San Ġuzepp, il-kwadri tal-istess qaddis fl-1920, il-bieb il-kbir tal-Knisja Parrokkjali 1920, l-istatwa ta San Mikiel, 1930, il-bradelli tal-vari tal-Ort, Veronka u Ġesu Redentur u s-salib interzjat tal-istess statwa (redentur) fl-1911 u forsi ukoll il-vari tar-redentur u d-duluri li sal-lum l-informazzjoni fuqhom hija skarsa. Huwa ħadem biex jimmodifika u jsiru tibdiliet fil-koppla ċentrali permezz tal-bini tal-lanterna li tbierket b' ċerimonja immexxija mill-E.T Mons. Pietru Pace Arċisqof ta' Malta nhar it-3 ta Novembru 1907 bit-tberik tas-salib. Fl-1920, inħatar Mro. di Cappella Corlo Diacono.

## Dun Lawrenz u l-Festa ta' Santa. Katerina V.M.

Bħal kull żejtuni, Dun Lawrenz kellhu imħabba kbira lejn Santa Katerina V.M. Huwa jibqa mfakkar għat-tużell monumentali, meqjus minn bħala fost l-isbah fil-gżejjer maltin. Saru l-ventartali tal-artal maġġur, San Mikiel, San Ġuzepp, Kurċifiss, Ružarju u San Girgor. Il-Lampieri tal-fidda tal-artali ta San Pawl, Madonna tal-Karita u Santa Filomena. Il-Missal tal-fidda bix-xbieha ta' Santa Katerina V.M. u irregala sassla tal-fidda. Opra oħra li wettaq dak tal-modifikazzjoni għal kif nafuha illum tal-vara titulari b' xogħol li sar miż-Żejtuni Ġużeppi Caruana u Ġużeppi Baldacchino u Spiru Ellul u l-induratura tad-deheb minn Francesco Coleiro tal-Belt Valletta, l-apparat tal-bellus fl-1905 u fl-1911 saret il-bradella u bankun tal-istatwa titulari. Fi żmienu saru ukoll l-istatwi tal-armar ta' barra u ġiet esegwita għall-ewwel darba l-antifona Prudans et Vigilans ta' Mro. Carlo Diacono. Mexxa il-festi ċentinarji fl-okkazzjoni tal-mitejn sena tal-knisja parrokkjali bejn l-20 – 25 ta' Novembru tal-1920 bis-sehem tal-isfqijiet Mauro Caruana O.S.B u Mons. Anglu Portelli O.P. Il-Papa Benedittu XI bagħat il-barka papali iffrmata minnu stess. Mexxa ukoll il-festi speċjali fl-okkazzjoni tal-wasla mir-restawr tal-vara ta' Santa Katerina V.M mill-Belt Valletta. Mal-wasla fix-xatt tal-Marsa, il-ħaddiema Żwieten tax-xatt, talbu biex jġibu l-istatwa titulari fuq l-ispalla li kienet daret ir-Raħal ta Fuq. Ħadd wara daret it-toroq tar-Raħal t' isfel.

## Dun Lawrenz L-arċipriet tal-fqar

Il-persuna ta' Dun Lawrenz baqgħet marbuta mal-għajnuna lil foqra. Kif issema aktar l' fuq, Dun Lawrenz kien ħabrieki f' kull qasam tal-ħajja. Bħala missier spiritwali, kien jiltaqa' ta' kuljum ma diversi problemi soċjali ewlenija ikun il-faqar. Mudell għalih kien il-qaddis San Vinċenz ta' Paola, il-qaddis li ħadem mal-fqar. Fiż-Żejtun kienet diġa teżisti soċjeta bl-isem ta' dan il-qaddis imwaqqfa fl-1854. Huwa kien irregala kwadru tal-istess qaddis fl-1921 biex jintuża fil-festa tiegħu. F'din is-soċjeta, Dun Lawrenz ma' diversi membri kien jgħin lil diversi familji fil-bżonn u jorganizzaw ikla kbira fil-festa tal-qaddis. Ġrajja li tigi irrakontata ħafna hija dik ta' mara li marret tittallab. Huwa qalilha biex tiġi wara l-magħmudija u jtiha xi ħaga. Wara l-magħmudija, taha li kien qala' f' maktur. Meta marret id-dar u ndunat li kienet lira tad-deheb, marret lura għand l-arċipreit u stqarret li ma kellux għalfejn ikun ġeneruz daqshekk. Huwa wiegeb li dawk li tawh, taha lilha. Fit-tberik kien jinsisti mas-saċerdoti li lill-fqar ituhom u mhux jiġbru minn għandhom. Wistin Cassar li kien midħla tal-arċipriet kien jirrakonta stejjer fuq diversi nies li kienu jittalbu għand l-arcipriet Degabriele bħal ħlas ta' kirjiet u doti taż-żwieġ. Il-Kan. Giovanni

ikompli....




Vella, jirrakonta li fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, minflok tkellem fuq il-mard li ħakmu u beda jtih diversi flus lil foqra li kien jagħmel hekk ta' kull xahar. Dun Lawrenz ma kienx biss ħabib mal-foqra Żwieten imma ukoll mal-artisti li ħallew xogħlijiet fil-knisja parrokkjali. Jingħad li mal-wasla tal-istatwa artistika ta' San Mikiel, Dun Lawrenz tant għoġbitu li ħallas lil artist Wistin Camilleri li sawwarha; 5 liri iżjed mill-ħlas dovut bħala ġest ta' apprezzament.

## Dun Lawrenz fl-aħħar ta' Ħajtu

Allavolja, l-isqfijiet staqsewh dwar it-tmiem tiegħu fil-parroċċa, hu wera x-xewqa li jmexxi l-parroċċa sal-aħħar ta' ħajtu. Fil-ktieb, "L-istorja taż-Żejtun u Marsaxlokk" miktub minn E.B.Vella insibu li sar kanonku kuġitur tal-kapitlu tal-katidral fl-1914 minkejja li hu dejjem irrifjuta li jsir monsinjur għall-3 darbiet. Hu kien dejjem jsostni li bil-flus li kien jonfoq għall-mitra u ħwejjeġ oħra ta monsinjur kien jgħin lill-fqar. Żgur li l-esiġenza ta' meta jsir monsinjur kien ikollhu jitlaq minn raħal tiegħu jew biex imur jgħix il-Belt Valletta, r-Rabat jew l-Imdina biex ikunu viċin il-katidrali minħabba l-problema tat-trasportazzjoni u qadi ieħor ta' kuljum. Fit 23 ta' Lulju tal-1922 iċċelebra il-25 sena ta' arċipriet taż-Żejtun. Il-poplu żejtuni kien għamel b' tifkira il-pittura tal-pittur Ġuzeppi Caruana li għadna nsibu sal-lum fis-sagristija. Fis-26 ta' Mejju ta 1927 iċċelebra il-50 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Billi kien qed jikber fiż-żmien, l-arċisqof Mons. Mauro Caruana, kien bagħat biex jgħinu lil Dun Paċifiku Mifsud bid-dritt tas-suċċessjoni wara l-mewt tiegħu. Huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ fis-17 ta' Frar tal-1932. Interessanti il-fatt li minkejja il-karita' kbira li kien jagħmel mal-poplu Żejtuni u l-opri li ħalla , ma ħalliex flus biex isir il-funeral tiegħu stess. Kienu propju il-Kanonċi Gwann Vella u Cesarin Attard li ftiehmu bejniethom li ħarġu jiġbru bejniethom għall-ispejjez tal-funeral. Miż-żejjed li kien baqa , inxtara ammont kbir ta' ħobż u ġie mqassam lil foqra fl-ispirtu ta' Dun Lawrenz Degabriele. Il-funeral sar bil-mużika tal-Mro. di Cappella Carlo Diacono u l-korteo dar mar-raħal kollhu akkumpanjat mill-fratellanzi, kleru u għaqdiet reliġjużi u soċjali kollha u indifen fil-kannierja tal-Oratorju tas-Ssmu.Sagrament.

## Il-messaġ u l-figura ta' Dun Lawrenz Degabriele

Sal-lum il-figura tiegħu għadha tiġbed l-ammirazzjoni ta' ħafna. Diversi Żwieten bħal Dun Angelo Seychell li kiteb il-profil tiegħu fil-ktieb "Taw xhiedha b' Għemilhom" u kitbiet oħra, li flimkien mal-Fondazzjoni Nazareth waqqfu it-tieni dar tagħhom għall-persuni b' diżabbilita għalih fi triq San Luċjan. Lino Psaila fil-ktieb tiegħu "il-Baħar Rasu Iebsa", u Trevor Żahra li għamel id-diskors fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-lapida kommemorattiva li x-xbieha tiegħu saret minn Ċensu Apap li tinsab wara il-knisja parrokkjali inawgurata mill-E.T.Mons.Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex nhar il-25 ta' Novembru tas-sena 2000. Insibu triq imsemmija għalih fiz-zona tal-iskola sekondarja.

Dun Lawrenz għex fi żmien ta' faqar imma dan kollhu ma ħalliehx milli jżejjen it-tempju ta' Alla iddedikat lil Santa Katerina V.M. u tah dak li hu dovut lil Alla, u lill-fqar. Dun Lawrenz huwa mudell għas-saċerdoti u għal dawk kollha li jridu jgħixu bis-sħiħ ħajja nisranija. Sfortunatament, il-memorja tiegħu u tas-saċerdoti kollaboraturi tiegħu mhux dejjem ġiet rikonoxxuta, mhux biss b' irħamijiet u kitba imma kif ġew trattati ċertu oġġetti magħmula bl-inizjattiva ta' dawn il-persuni. L-oġġetti li naraw illum kienu ħidma ta' dawn is-saċerdoti li ħadmu mhux biss biex ħallew opri sbieħ li bihom wasslu l-isbaħ messaġġi ta' fidi u sbuħija tas-sema.